15 ta' Jannar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Giuseppa Bonanno** *versus* **Francis Scerri**

**Retratt — Spejjeż Rimborżabili — Depożitu — Nullità.**

*Għandha ssir distinzjoni bejn is-somma li r-retraent għandu jiddepożita maċ-ċedola, jew fi żmien għaxart ijiem mill-preżentazzjoni taċ-ċedola, taħt piena ta' nullità ta' l-istess ċedola tar-retratt, u bejn l-ammonti li r-retraent huwa obligat jirrifondi lir-retrattarju qabel ma jista' jikkostrinġi lil dan jagħmillu r-rivendizzjoni.*

*Dawn l-ispejjeż ta' din it-tieni xorta jistgħu jiġu rifużi f'kull żmien qabel ir-rivendizzjoni, u ma hemmx l-obligu taħt piena ta' nullità tar-retratt li jiġu depożitati fi żmien għaxart ijiem mir-relativa interpellazzjoni.*

*Imma jibqa' dejjem veru li r-retrattarju mhux obligat jagħmel ir-rivendizzjoni qabel ma jiġu lilu rimborżati l-ispejjeż kollha lilu doruti bħala konsegwenza ta' l-eżerċizzju tar-retratt.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li b'ċedola nru. 351 ta' 4-1947 irkuprat b'titolu ta' konsorzju mill-poter tal-konvenut in-nofs indiviż tal-għalqa msejħa "Tal-Għas'eli", fi Triq il-Kappuċċini, Kalkara, tal-kejl superfiċjali, l-intiera, ta' ċirka 347 qasab kwadri, mibjugħa lill-konvenut minn Gio Batta Borg in atti Peter Paul Pellegrini Petit tas-6 ta' April 1946; u li bl-istess ċedola fuq indikata hija ddepożitat kontestwalment il-prezz tal-bejgħ, bl-interessi, bl-ispejjeż tan-Nutar u l-ħlas tal-lawdemju, ammontanti komplessivament fis-somma ta' £20. 1. 8; talbet, prevja d-dikjarazzjoni li hu validu l-irkupru minnha eżerċitat, li l-konvenut jiġi kundannat jirrivendi u jirrilaxxja favur tagħha n-nofs indiviż tal-għalqa fuq imsemmija, billi l-istess rivendizzjoni tiġi operata bis-saħħa ta' din is-sentenza jekk il-konvenut ma jagħmilhiex fi żmien li jiġi lilu prefiss;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi b'ċedola ta' retratt u kontestwali depożitu preżentata fil-15 ta' Marzu 1947, l-attriċi eżerċitat id-dritt tar-retratt......;
u għal dak l-oġġett iddepożitat fir-Reġistru s-somma ta' £20. 1. 7½, kwantu għal £15 prezz tal-bejgħ..............;

Illi l-konvenut bl-ittra uffiċjali tas-26 ta' April 1947, notifikata lill-attriċi fit-28 ta' April 1947, interpella lill-istess attriċi biex tirreintegra d-depożitu..............;

Illi l-attriċi ma ddepożitatx l-imsemmijin ammonti li żied il-konvenut; u dana, għalhekk, jippretendi li ċ-ċedola ta' l-irkupru ma għandhiex iżjed effett, skond l-art. 1500 u 1501 (2) tal-Kodiċi Ċivili, għaliex l-attriċi kien imissha irreintegrat id-depożitu fiż-żmien ta' għaxart ijiem minn dak il-jum li fih huwa għal daqshekk sejħilha bl-imsemmi att ġudizzjarju;

Tikkunsidra fuq dina l-eċċezzjoni;

Illi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenzi tas-17 ta' Mejju 1881 in re "Vella vs. Meli", tat-28 ta' Mejju 1883 in re "Camilleri vs. Curmi", u tat-22 ta' Novembru 1921 in re "Cini vs. Dali", għandha tiġi distinta s-somma li r-retraent għandu jiddepożita maċ-ċedola, taħt piena tan-nullità ta' l-istess ċedola tar-retratt, mill-ammontijiet li r-retraent hu obligat jirrifondi lir-retrattarju qabel ma jista' jikkostrinġi lil dana biex jagħmillu r-rivendizzjoni. Dawn l-ispejjeż li jaqgħu taħt it-tieni kategorija jistgħu jiġu rifużi f'kull żmien qabel ir-rivendizzjoni, u ma hemmx l-obligu taħt piena tan-nullità tar-retratt li jiġu depożitati f'għaxart ijiem żmien mir-relativa interpellazzjoni;

Illi, difatti, jingħad fiċ-ċitata sentenza "Camilleri vs. Curmi" (Vol. X pag. 151, prima colonna):— "Fa d'uopo distinguere la somma che il retraente deve, a pena di nullità, depositare con la cedola o entro dieci giorni dalla presentazione della stessa (art. 1163 u 1164 — korrispondenti għall-art. 1499 u 1500 tal-Kodiċi Ċivili), dalle somme che egli deve rimborsare al retrattario prima di essere costretto a fargli la rivendizione (art. 1157 e 1168) — korrispondenti għall-art. 1493 u 1504 tal-Kodiċi ċitat). Le spese della prima categoria son quelle specificate nel citato articolo 1163, cioè le spese legittime, che sono il prezzo di vendita, i diritti del notaio e dell'inserizione, e le altre spese che risultano dal contratto di vendita, o che fossero state fatte dal compratore o rimaste a carico di lui; e il susseguente articolo 1164, il quale priva di effetto il retratto per difetto di deposito entro il termine si riferisce manifestamente al precedente; all'incontro, l-artico-

lo 1157 specifica ciò che il retraente deve rimborsare al retrattario, comprese le spese necessarie ed utili fatte nella cosa, e l'articolo 1168 dispone circa la liquidazione di dette spese necessarie ed utili, da farsi prima della rivendizione — ciò che è spiegato nell'altro articolo 1167 (1503 Kodiċi Ċivili), ove è disposto che il retrattario non è tenuto a fare la rivendizione della cosa al retraente prima che questi abbia adempiuto a tutti i suoi obblighi ai termini degli articoli 1157 e seguenti'';

Illi l-ispejjeż li l-konvenut żied, u l-attriċi ma ddepożitatx, għandhom jigu enumerati fost l-ispejjeż tat-tieni kategorija, li r-retraent għandu l-libertà li jirrifondi sar-rivendizzjoni; għaliex ma humiex fost dawk li neċessarjament u leġittimament jigu erogati mill-kumpratur fl-okkażjoni tal-vendita (''Ċini vs. Dalli'', Vol. XXIV — II — 690);

Illi għalhekk ma tistax tiġi ammessa l-eċċepita nullità tar-retratt; u billi ma hemmx kontestazzjoni dwar id-dritt ta' l-attriċi in bażi tat-titolu fuq imsemmi, tirrespinġi l-eċċezzjoni, u tiddikjara validu l-irkupru eżerċitat mill-attriċi in forza taċ-ċedola fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tikkunsidra fuq it-talba għar-rivendizzjoni;

Illi għalkemm id-dritt tar-retratt ġie validament eżerċitat, jibqa', iżda, dejjem veru li r-retrattarju mhux tenut jagħmel ir-rivendizzjoni qabel l-eżekuzzjoni da parti tar-retraent ta' l-obligi tiegħu skond l-artikoli 1493, 1494 u 1495 tal-Kodiċi fuq ċitat (art. 1503), u l-attriċi għadha ma ottemperatx għal dawn l-obligi, għaliex il-kwistjoni ta' l-ispejjeż għadha ma ġietx definita, billi l-konvenut qiegħed jippretendi l-ispejjeż fuq indikati, li żied bl-imsemmija ittra uffiċjali tiegħu, u l-attriċi lanqas ma talbet, kif setgħet tagħmel skond l-art. 1504 (2) tal-Kodiċi ċitat, il-likwidazzjoni ta' dak li hu dovut lill-konvenut; u kif ġie ritenut minn din il-Qorti f'ħafna sentenzi, fosthom dik mogħtija fl-14 ta' Mejju 1945, fil-kawża ''Aquilina vs. Muscat'', biex jista' jkun hemm il-kundanna għar-rivendizzjoni, dina t-talba għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż neċessarji jew utili, li tagħhom ir-retrattarju għandu dritt li jiġi rimborsat, hija presuppost indispensabili, kif jidher ċar mid-dispost ta' l-art. 1503 u t-tieni paragrafu ta' l-art. 1504;

Għalhekk tillibera lill-konvenut "ab observantia" in riġward għat-talba relattiva għar-rivendizzjoni; salva r-ripropożizzjoni ta' din it-talba f'mod ritwali; u tordna illi l-ispejjeż relativi għal din it-talba jitħallsu mill-attriċi.